**Deċiżjoni tas-Sedja dwar casting vote mogħti fis-Seduta Nru 403 - Il-Ġimgħa, 4 ta' Novembru 2011**

Peress li wara li ttieħdet votazzjoni mill-membri la kien hemm maġġoranza minnhom favur u lanqas kontra, għall-mozzjoni numru 242 minħabba li r-riżultat tal-votazzjoni kien ta' 34 favur u 34 kontra u astensjoni 1 u peress li f'każ ta' vot indaqs fil-Kamra s-Sedja għandha jkollha u għandha teżerċita vot deċiżiv kif titlob il-Kostituzzjoni ta' Malta f'artiklu 71, paragrafu 2 u l-Ordni Permanenti numru 21 u peress li l-prinċipji stabbiliti biex jirregolaw sitwazzjoni bħal din jirriżultaw minn preċedenti f'każijiet simili fil-Kamra tad-Deputati tagħna appoġġjati minn prattika kif imfissra fl-Erskine May, Parliamentary Practice, Edizzjoni 23, cioè li vot deċiżiv tal-iSpeaker għandu jiġi eżerċitat b'mod li safejn hu possibbli jitħalla lok għal aktar diskussjoni u li fejn mhux possibbli aktar diskussjoni d-deċiżjoni m'għandhiex tittieħed jekk mhux b'maġġoranza tal-voti tal-Onor. Membri preżenti u li jivvotaw. Għalhekk is-Sedja fl-eżerċizzju tal-vot deċiżiv, casting vote, tagħha, tapplika dawn il-prinċipji kif elenkati billi tivvota kontra l-mozzjoni.